IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 12.8.2011
KUMM(2011) 492 finali

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

dwar l-applikazzjoni fl-2010 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

dwar l-applikazzjoni fl-2010 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

DAĦLA

Dan ir-rapport, imfassal skont l-Artikolu 17 (1) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni[1], ikopri s-sena 2010 u hu bbażat fuq dejta statistika miġbura fil-qosor fl-Anness.

Dawn l-istatistiki jirriflettu n-numru ta' applikazzjonijiet u mhux ta' dokumenti mitluba. Fil-prattika, l-applikazzjonijiet jistgħu jkopru dokument wieħed waħdu jew fajls sħaħ dwar xi proċedura speċifika. L-applikazzjonijiet għal aċċess għad-dokumenti li kienu pubblikament aċċessibbli fil-mument tat-talba mhumiex inklużi.

1. REVIŻJONI TAR-REGOLAMENT (KE) NRU 1049/2001

1.1. Il-proposta għal riformulazzjoni tar-Regolament, ippreżentata mill-Kummissjoni fit-30 ta' April 2008, għadha fl-ewwel qari. Il-Parlament ivvota rapport bl-emendi fil-11 ta' Marzu 2009 iżda ppospona l-votazzjoni dwar ir-riżoluzzjoni leġiżlattiva. Wara l-elezzjonijiet ta' Ġunju 2009, il-Parlament il-ġdid reġa' kompla x-xogħol fuq proposta tal-Kummissjoni. Il-Kumtati għall-Affarijiet Kostituzzjonali (AFCO) u għal Petizzjonijiet (PETI) adottaw l-opinjonijiet tagħhom fit-30 ta' Novembru 2010 u l-1 ta' Diċembru 2010 rispettivament. Il-kumitat tal-Libertajiet Ċivili (LIBE) għadu ma vvutax fuq abbozz ġdid tar-rapport. Fil-Kunsill, il-proposta ġiet eżaminata fil-livell tal-grupp ta' ħidma.

1.2. Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009, fil-21 ta' Marzu 2011 il-Kummissjoni ppreżentat proposta ġdida bil-ħsieb li r-Regolament 1049/2001 jiġi adattat skont ir-rekwiżiti tat-Trattat ta' Lisbona. Din il-proposta għandha l-għan li testendi l-ambitu istituzzjonali tar-Regolament lejn l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji kollha tal-Unjoni Ewropea, b'xi restrizzjonijiet rigward il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-Bank Ewropew tal-Investiment, skont l-Artikolu 15(3) tal-verżjoni konsolidata tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

2. REĠISTRI U SITI FUQ L-INTERNET

2.1. Fl-2010, żdiedu 18661 dokument ġdid mar-reġistru tad-dokumenti tal-Kummissjoni (ara t-tabella fl-anness).

[1] ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43

2.2. Skont l-Artikolu 17 (1) tar-Regolament 1049/2001 il-Kummissjoni għandha tipprovdi fir-rapporti annwali tagħha n-numru ta' dokumenti fil-pussess tagħha li jkunu "sensittivi" skont it-tifsira tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament[2] u li għalhekk ma jkunux ġew irreġistrati. Ir-reġistru pubbliku tal-Kummissjoni jkopri dokumenti tas-serje COM, C, ĠU, PV u SEC. Fl-2010 ma nħolqu l-ebda dokumenti sensittivi, u lanqas ma ġew riċevuti mill-Kummissjoni, li jaqgħu fi ħdan waħda minn dawn il-kategoriji ta' dokumenti.

2.3. It-tabella hawn taħt turi l-istatistika għall-2010 dwar il-konsultazzjoni tas-sit "Trasparenza u aċċess għad-dokumenti" fuq EUROPA.

	Numru ta'viżitaturi	Numru ta'sessjonijiet	Paġni meqjusa
Total	48.557	61.308	452.695
Medji kull xahar	4046	5109	37725

3. KOOPERAZZJONI MAL-ISTITUZZJONIJIET L-OĦRA SOĠĠETTI GĦAR-REGOLAMENT

Il-kumitat interistituzzjonali stabbilit skont l-Art. 15(2) tar-Regolament ma tlaqqax matul l-2010. It-tliet istituzzjonijiet (il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni) żammew kuntatti regolari fuq livell amministrattiv bil-ħsieb li jiżguraw applikazzjoni konsistenti tar-Regolament.

4. ANALIŻI TAL-APPLIKAZZJONIJIET GĦAL AĊĊESS

4.1. Fl-2010 kien hemm żieda sinifikanti fin-numru ta' **applikazzjoniet inizjali** magħmula skont ir-Regolament 1049/2001 (6127 applikazzjoni meta mqabbla ma' 5055 fl-2009, jiġifieri 21% aktar).

4.2. L-għadd ta' deċiżjonijiet sostantivi dwar **applikazzjonijiet konfermatorji** maħruġa matul l-2010 baqa' stabbli: 122 deċiżjoni ta' sustanza fl-2010 kontra 120 fl-2009. L-għadd totali ta' tweġibiet għal applikazzjonijiet ta' konferma kien 152. It-30 każ addizzjonali ngħalqu mingħajr deċiżjoni formali skont ir-Regolament 1049/2001. Jikkonċernaw jew applikazzjonijiet li ma kellhomx skop, jew talbiet li ġew trattati skont bażi ġuridika oħra, aktar xierqa, jiġifieri skont ir-Regolament 45/2001 dwar il-protezzjoni ta' dejta personali fejn jidħlu talbiet ta' aċċess għad-dejta personali tal-applikant stess. L-għadd ta' applikazzjonijiet ta' konferma li daħlu żdied minn 140 fl-2009 għal 181 fl-2010. Id-differenza bejn l-għadd ta' applikazzjonijiet ta' konferma rċevuti u l-għadd ta' deċiżjonijiet maħruġa huwa rifless fl-għadd ta' każijiet pendenti fi tmiem is-sena (68).

---

[2] "Dokumenti li ġejjin mill-istituzzjonijiet jew mill-aġenziji mwaqqfa minnhom, mill-Istati Membri, pajjiżi terzi jew Organizzazzjonijiet Internazzjonali, klassifikati bħala "TRÉS SECRET/TOP SECRET", "SECRET" jew "CONFIDENTIEL" skont ir-regoli tal-istituzzjoni rilevanti, li jħarsu l-interessi essenzali tal-Unjoni Ewropea jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha fl-oqsma koperti mill-Artikolu 4(1)(a), partikolarment is-sigurtà pubblika, kwistjonijiet militari u tad-difiża" (l-Artikolu 9(1))

4.3. Il-politika tal-kompetizzjoni tiġi l-ewwel fil-lista ta' dominji ta' interess b'9.07% tal-applikazzjonijiet inizjali, segwit mill-qrib minn oqsma oħra ta' politika ewlenin tal-UE, bħal ma' huma l-ġustizzja u l-affarijiet interni, it-trasport u l-enerġija, is-suq intern, it-tassazzjoni u l-unjoni doganali, is-saħħa u l-ħarsien tal-konsumatur, l-ambjent u l-politika imprenditorjali.

4.4. Il-kategoriji ewlenin tal-applikanti jibqgħu d-dinja akkademika, li tirrappreżenta 23.24% tal-applikazzjonijiet inizjali, id-ditti legali b'10.69% u s-soċjetà ċivili (NGOs, gruppi ta' interess) bi 8.18% tal-għadd totali tal-applikazzjonijiet. Fil-każ ta' 32.68% tal-applikazzjonijiet, il-profil soċjoprofessjonali mhuwiex iddefinit.

4.5. L-analiżi ġeografika tal-applikazzjonijiet inizjali wkoll baqgħet simili ħafna għal snin preċedenti. Madankollu, filwaqt li għal raġunijiet ovvji l-akbar proporzjon ta' applikazzjonijiet, jiġifieri 17.95%, oriġina minn persuni jew minn organizzazzjonijiet imwaqqfa fil-Belġju, proporzjon kważi ugwali tal-applikazzjonijiet (16.62 %) oriġina mill-Ġermanja. L-ebda Stat Membru ieħor ma qabeż l-10% tal-applikazzjonijiet, l-akbar ammonti ġew mill-Istati Membri l-aktar popolati, jiġifieri Franza, l-Italja, Spanja, ir-Renju Unit u l-Olanda, li flimkien ammontaw għal 36.45% tal-applikazzjonijiet. Is-sehem ta' applikazzjonijiet mill-Istati Membri l-ġodda żdied ftit b'4.23% tal-applikazzjonijiet li joriġinaw mir-Repubblika Ċeka u 2.76% mill-Polonja.

5. L-APPLIKAZZJONI TAL-EĊĊEZZJONIJIET GĦAD-DRITT TA 'AĊĊESS

5.1. Il-perċentwali ta' applikazzjonijiet inizjali li ngħataw bla restrizzjonijiet fl-2010 baqgħu 'l fuq minn 80% (82.16%), filwaqt li aċċess parzjali ngħata fil-każ ta' 5.37% ta' applikazzjonijiet inizjali. Fi 82.16% tal-każi (meta mqabbla ma' 84.23% fl-2009) id-dokumenti ġew żvelati b'mod sħiħ, filwaqt li f'5.37% tal-każi (meta mqabbla ma' 4.11% fl-2009) ingħata aċċess parzjali. Dan ifisser li bħal fl-2009, il-perċentwali ta' applikazzjonijiet li nċaħdu sħaħ fl-ewwel istanza (għal raġunijiet varji) stabbilizza għal madwar 12%.

5.2. Wara tnaqqis fl-2009, il-perċentwali tad-deċiżjonijiet li jikkonfermaw il-pożizzjoni inizjali juru ritorn għal livell komparabbli ma' dak tal-2008 (50% fl-2010, kontra 48.08% fl-2008 u biss 22.50% fl-2009).

Anke l-perċentwali ta' każijiet li fihom ingħata aċċess sħiħ wara rifjut inizjali rritorna għal livell simili għal 2008 (15.57% fl-2010 kontra 50% fl-2009 u 18.59% fl-2008). Min-naħa l-oħra, il-perċentwali ta' każijiet fejn ingħata aċċess parzjali wara rifjut inizjali żdied b'notevoli (34.43% fl-2010, kontra 27.50% fl-2009).

5.3. Iż-żewġ raġunijiet ewlenin għar-rifjut ta' applikazzjoni inizjali baqgħu:

– il-protezzjoni tal-iskop ta' ispezzjonijiet, investigazzjonijiet u verifiki (it-tielet inċiż tal-Artikolu 4 (2)), bi tnaqqis ħafif meta mqabbel mal-2009 (26.63% rifjuti minflok 27.61% fl-2009);

– il-protezzjoni tal-proċess deċiżjonali tal-Kummissjoni (l-Artikolu 4 (3)), b'perċentwali ta' 16.80% għall-każijiet fejn ma tkunx għadha ttieħdet deċiżjoni u 9.66% għal dawk dwar opinjonijiet għall-użu intern, total ta' 26.42% ta' rifjuti (meta mqabbla ma' total ta' 25.61% fl-2009).

Il-perċentwali ta' rifjuti bbażati fuq il-ħarsien ta' interessi kummerċjali naqas ftit meta mqabbel mas-sena preċedenti u kien ta' 11.84% (minflok 13.99% fl-2009).

5.4. Ir-raġunijiet ewlenin li ġġustifikaw rifjut ta' aċċess kienu:

– il-protezzjoni tal-iskop tal-investigazzjonijiet (32% meta mqabbla ma' 25.91% fl-2009);

– il-protezzjoni ta' interessi kummerċjali (16.67% meta mqabbla ma' 17.52% fl-2009);

– il-protezzjoni tal-proċess deċiżjonali tal-Kummissjoni, b'perċentwali ta' 11.33% għall-każijiet fejn ma tkunx għadha ttieħdet deċiżjoni u 8% għal dawk dwar opinjonijiet għall-użu intern, total ta' 19.33% ta' rifjuti (meta mqabbla ma' total ta' 26.64% fl-2009).

6. ILMENTI LILL-OMBUDSMAN EWROPEW

6.1. Fl-2010 l-Ombudsman għalaq dawn it-23 ilment kontra l-mod kif il-Kummissjoni ttrattat it-talbiet ta' aċċess għal dokumenti:

Każ wieħed (1) magħluq mingħajr ma nstabet xi forma ta' amministrazzjoni ħażina			
2953/2008/FOR			
13-il każ magħluqa b'rimarka kritika u/jew ulterjuri			
3699/2006/ELB	355/2007/TN (per)	671/2007/PB	2502/2007/RT
3163/2007/BEH	676/2008/RT[3]	1039/2008/FOR	1438/2008/DK
1202/2009/GG	1207/2009/GG	1302/2009/TS	100/2010/GG
465/2010/FOR			
9 każi magħluqa mingħajr azzjoni ulterjuri			
301/2008/IP	2219/2008/JMA (MHZ)	2643/2008(TN)RT	3052/2008(BB)FOR
966/2009/JMA	2647/2009/IP	172/2010/ANA	1195/2010/OV
1357/2010/MHZ			

6.2. Matul is-sena l-Ombudsman fetaħ 22 inkjesta ġdida fejn l-aċċess għad-dokumenti kien jew il-parti prinċipali jew dik sussidjarja tal-ilment.

7. REVIŻJONI ĠUDIZZJARJA

[3] This case has been also subject to a special report from the European Ombudsman.

L-2010 kienet sena intensiva ħafna fejn tidħol każistika ġdida[4].

7.1. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppronunzjat erba' sentenzi fuq appelli fl-2010:

C-362/08 P *Internationaler Hilfsfonds v Commission*, sentenza tas-26/1/2010	C-139/07 P Il-Kummissjoni vs *Technische Glaswerke Ilmenau*, sentenza tad-29/6/2010 *(TGI)*
C-28/08P, *Il-Kummissjoni vs Il-Bavarian Lager*, sentenza tad-29/6/2010	Każijiet konġunti C-514/07P. C-528/07P, C-532/07 P, *API, l-Isvezja u l-Kummissjoni,* sentenza tal-21/9/2010

Dawn l-erba' sentenzi pprovdew kjarifiki importanti rigward l-interpretazzjoni kemm tal-aspetti sostantivi kif ukoll tal-aspetti proċedurali tar-Regolament 1049/2001.

Fejn jidħlu l-aspetti sostantivi, fiż-żewġ sentenzi li ġew ippronunzjati fid-29 ta' Ġunju 2010 (*Bavarian Lager* u *TGI*), il-Qorti tal-Ġustizzja kkjarifikat l-interpretazzjoni tal-eċċezzjonijiet li hemm ipprovduti fl-Artikolu 4(1)(b) u skont l-Artikolu 4(2), it-3et inċiż tar-Regolament 1049/2001. Fis-sentenza *API* l-Qorti tal-Ġustizzja interpretat l-eċċezzjoni tal-Artikolu 4(2), it-2ni inċiż.

F'*Bavarian Lager*, il-Qorti tal-Ġustizzja qatgħetha li, fejn issir talba għall-aċċess pubbliku għal dokumenti li jkun fihom dejta personali, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar il-Protezzjoni tad-Dejta jsiru applikabbli fl-intier tagħhom, inkluża d-dispożizzjoni li tirrikjedi li min jirċievi dejta personali jistabbilixxi l-ħtieġa għall-iżvelar tagħhom u d-dispożizzjoni li tattribwixxi lis-suġġett tad-dejta d-dritt li joġġezzjoni f'kull żmien, fuq bażi leġittima b'saħħitha marbuta mas-sitwazzjoni partikolari tiegħu jew tagħha, għall-ipproċessar ta' dejta li tirrelata miegħu jew magħha.

Fis-sentenza *TGI* l-Qorti tal-Ġustizzja qatgħetha li d-dokumenti li jappartjenu għal fajls amministrattivi tal-Kummissjoni rigward investigazzjonijiet dwar l-għajnuna mill-Istat huma koperti minn preżunzjoni ġenerali li fil-prinċipju l-iżvelar tagħhom ikun ta' detriment għall-protezzjoni tal-iskop tal-investigazzjonijiet. Ir-Regolament dwar l-għajnuna mill-Istat ma jistipula l-ebda dritt ta' aċċess għall-fajl għal partijiet interessati. Jekk dawn kienu kapaċi jiksbu aċċess, abbażi tar-Regolament 1049/2001, jitqajmu dubji dwar is-sistema għal reviżjoni ta' għajnuna mill-Istat. Il-Qorti kompliet li din is-suppożizzjoni tista' tiġi ribattuta jekk l-applikant juri li dokument mitlub "mhux kopert minn dik is-suppożizzjoni" jew li hemm interess pubbliku superjuri fil-kxif.

F'*API*, il-Qorti tal-Ġustizzja fformulat preżunzjoni ta' inaċessibilità ta' rikorsi mressqa minn istituzzjoni għal qrati tal-UE qabel l-għeluq ta' proċedimenti ġudizzjarji. Bħal fil-każ tal-loġika użata fid-deċiżjoni *TGI*, din l-interpretazzjoni tal-eċċezzjoni marbuta ma' proċedimenti tal-qorti kien inferita mill-qafas legali li jirregola l-proċedimenti tal-qorti u min-nuqqas ta' drittijiet ta' aċċess għall-pubbliku rigward attivitajiet ġudizzjarji.

[4] Għad-dettalji ta' kull każ imsemmi hawn taħt, ara http://curia.europa.eu/jurisp/cgi-bin/form.pl? lang = en

Fl-aħħarnett, fejn jikkonċerna *Internationaler Hilfsfonds*, il-Qorti ċċarat li applikazzjoni ġdida għal aċċess għal dokument li qabel kienet rifjutata tista' iġi introdotti f'kull ħin u li f'dan il-każ l-istituzjoni kkonċernata hija obbligata tanalizza jekk ir-rifjut jibqax ġustifikata fid-dawl ta' bidla ta' ċirkostanzi legali jew fattwali li setgħu ġraw sadanittant.

7.2. Fejn tidħol il-Qorti Ġenerali, din ippronunzjat ħames sentenzi rigward id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni:

Każijiet konġunti T-355/04 u T-446/04, *Co-Frutta Soc.coop. v il-Kummissjoni*, sentenza tad-19.1.2010	T-237/05, *Editions Odile Jacob SAS v il-Kummissjoni*, sentenza tad-9.6.2010	T-111/07, *Agrofert v il-Kummissjoni*, sentenza tas-7.7.2010
T-474/08, *D. Umbach v il-Kummissjoni*, sentenza tal-21.10.2010	Każijiet konġunti T-494/08 a T-500/08 u T-509/08, *Ryanair v il-Kummissjoni*, sentenza tal-10.12.2010	

F'żewġ każijiet li jikkonċernaw aċċess għal fajls investigattivi tal-Kummissjoni fil-qasam tal-kontroll tal-amalgamazzjonijiet, *Editions Odile Jacob* u *Agrofert*, id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni taħt ir-Regolament 1049/2001 ġew annullati mill-Qorti Ġenerali essenzjalment minħabba nuqqas ta' eżami individwali u konkret tad-dokumenti[5].

Fil-każijiet *Ryanair*, il-Qorti Ġenerali segwiet is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'TGI u ċaħdet l-applikazzjonijiet.

Fiż-żewġ każi li jifdal deċiżjonijiet tal-Kummissjoni taħt ir-Regolament 1049/2001 ġew osservati mill-Qorti Ġenerali.

Bl-istess mod, fis-sentenza tal-21.10.2010, ir-rikors ġie miċħud fil-każ T-439/08, *Agapiou Joséphidès v. il-Kummissjoni u l-EACEA*, fejn il-Kummissjoni kienet waħda mill-partijiet konvenuti, għalkemm l-awtur tad-deċiżjoni kkontestata kienet l-EACEA.

Fl-aħħarnett, ikollhom jissemmew tliet każijiet ulterjuri li tneħħew mir-reġistru wara l-irtirar mill-applikant:

T-245/09, *Shell Hellas v il-Kummissjoni*, ordni tal-5.1.2010	T-251/09, *Soc. des Pétroles Shell v il-Kummissjoni*, ordni tal-5.1.2010	T-170/03, *BAT v il-Kummissjoni,* ordni tas-6.9.2010

7.3. Fl-2010 tressqu 14-il-każ ġdid kontra deċiżjonijiet tal-Kummissjoni taħt ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

[5] Ara wkoll it-Taqsima 7.4 tar-rapport preżenti

T-17/10, *Gerald Steinber v il-Kummissjoni*	T-36/10, *Internationaler Hilfsfonds eV vs il-Kummissjoni*	T-120/10, *ClientEarth u oħrajn v Il-Kummissjoni*
T-167/10, *Evropaïki Dynamiki v il-Kummissjoni*	T-180/10, *Nickel Institute v il-Kummissjoni*	T-181/10, *Reagens SpA v il-Kummissjoni*
T-267/10, *Land Wien v il-Kummissjoni*	T-291/10, *Anne Martin v il-Kummissjoni*	T-300/10, *Internationaler Hilfsfonds eV vs il-*
T-301/10, *Sophie in 't Veld v il-Kummissjoni*	T-359/10, *Ecologistas en Acción-CODA v il-Kummissjoni*	T-395/10, *Stichting Corporate Europe Observatory v il-Kummissjoni*
T-449/10, *ClientEarth u oħrajn v Il-Kummissjoni*	T-511/10, *Evropaïki Dynamiki v il-Kummissjoni*	

7.4. Barra minn dan, tlett appelli ġodda tressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kontra sentenzi tal-Qorti Ġenerali.

L-appelli mressqa mill-Kummissjoni (ara t-taqsima 7.2. hawn fuq):

C-404/10P, *il-Kummissjoni v Editions Odile Jacob SAS, Lagardère SCA*	C-477/10P, *il-Kummissjoni v Agrofert Holding a.s., partijiet oħra l-Iżvezja, il-Finlandja, id-Danimarka, Polski Koncern Naftowy Orlen SA*

Appell ippreżentat mill-applikant fl-ewwel istanza:

C-609/10P, *Dieter C. Umbach v il-Kummissjoni*

8. KONKLUŻJONIJIET

8.1. Fl-2010, reġa' kien hemm żieda sinifikanti fil-volum ta' talbiet għall-aċċess. Filwaqt li fl-2009 l-għadd baqa' fuq l-istess livell bħal fis-sena ta' qabel, madwar 5 000, fl-2010 saru aktar minn 6,000 talba. Minkejja din iż-żieda ta' 20%, il-proporzjon tal-iżvelar għadu għoli: erbgħa minn ħames talbiet jirċievu tweġiba pożittiva. Huwa notevoli li, fi żmien għaxar snin, in-numru ta' talbiet għall-aċċess żdied minn 500 għal 6 000 fis-sena. Meta wieħed iqis il-volum totali tat-talbiet, in-numru ta' applikazzjonijiet konfermatorji, ilmenti lill-Ombudsman u applikazzjonijiet lill-Qorti għadu limitat ħafna.

Anke jekk is-sehem taċ-ċittadini żdied, il-biċċa l-kbira tal-applikazzjonijiet għall-aċċess għadhom qed isiru mis-settur akkademiku, minn NGOs, gruppi ta' interess u minn kumpaniji legali. Ħafna minn dawn it-talbiet ikopru każijiet ta' proċedimenti ta' ksur, antritrust, amalgamazzjonijiet, l-għajnuna mill-Istat jew antidumping. Bħal

fis-snin ta' qabel, it-talbiet għall-aċċess kienu jikkonċernaw l-aktar ir-rwol tal-Kummissjoni fl-infurzar tal-liġi tal-UE, fejn it-trasparenza trid tiġi bbilanċjata kontra interessi leġittimi oħra, skont ir-regoli applikabbli Fejn jidħlu inizjattivi tal-Kummissjoni għal leġiżlazzjoni ġdida, diġà hemm livell għoli ta' trasparenza, hekk kif ħafna dokumenti qed jiġu ppubblikati b'mod proattiv.

8.2. Għaxar snin wara li ġie adottat ir-Regolament, l-implimentazzjoni tiegħu wassal għal prassi amministrattiva kkonsolidata fir-rigward tad-dritt għall-aċċess taċ-ċittadin għad-dokumenti tal-Kummissjoni. Permezz tal-każistika, il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali taw kontribut sinifikanti għal din il-konsolidazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni għadha konvinta li r-reviżjoni tar-Regolament għandha tibni fuq dak li nkiseb fl-aħħar għaxar snin.

ANNESS

Statistika dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001

1. L-GĦADD TA' DOKUMENTI MNIŻŻLA FIR-REĠISTRU

	COM	C	ĠU	PV	SEC	Total
2010	2088	12630	127	92	3724	**18661**

IT-TALBIET INIZJALI

2. L-APPLIKAZZJONIJIET IRĊEVUTI U PPROĊESSATI

	2008[6]	2009	2010
Applikazzjonijiet rċevuti	-	5401	6361
Tweġibiet mogħtija[7] [8]	-	6636	7148
Tweġibiet mogħtija abbażi tar-Regolament 1049/2001	5197	5055	6127

3. IR-RIŻULTAT

	2008		2009		2010	
	Nru	%	Nru	%	Nru	%
Aċċess mogħti	4314	82.68	4258	84.23	5034	82.16
Aċċess miċħud	703	13.99	589	11.65	764	12.47
Aċċess parzjali	180	3.33	208	4.11	329	5.37
total	5197	100	5055	100	6127	100

6 Jekk jogħġbok innota li, għall-2008 il-Kummissjoni ma tistax tipprovdi dejta statistika kumparabbli li tikkorrispondi mal-kategoriji ta' "Applikazzjonijiet rċevuti" u "Tweġibiet mogħtija" la għal talbiet inizjalu u lanqas għal dawk ta' konferma.

7 Jekk jogħġbok innota li talba waħda tista' tkopri diversi dokumenti u konsegwentement tista' twassal għal bosta tweġibiet differenti;

8 Jekk jogħġbok innota li l-kategorija "Tweġibiet mogħtija" tinkludi t-tweġbiet mogħtija 'l barra mill-ambitu tar-Regolament 1049/2001, pereżempju t-tweġibiet mogħtija skont ir-Regolament 45/2001.

4. L-APPLIKAZZJONIJIET IRĊEVUTI U PPROĊESSATI

	2008	2009	2010
Applikazzjonijiet irċevuti	-	140	181
Tweġibiet għal applikazzjonijiet	-	134	152
Deċiżjonijiet dwar applikazzjonijiet konfermatorji abbażi tar-Regolament 1049/2001	156	120	122

5. IR-RIŻULTAT

	2008		2009		2010	
	Nru	%	Nru	%	Nru	%
Konferma	75	48.08	27	22.50	61	50
Reviżjoni parzjali	52	33.33	33	27.50	42	34.43
Reviżjoni sħiħa	29	18.59	60	50	19	15.57
total	**156**	100	**120**	100	**122**	100

(1) ID-DISTRIBUZZJONI TAĊ-ĊAĦDIET SKONT L-EĊĊEZZJONI APPLIKATA (%)

6. IT-TALBIET INIZJALI

	2008	2009	2010
4.1.a. l-1el inċiż – Protezzjoni tas-sigurtà pubblika	0.18	1.36	1.94
4.1.a. It-2 inċiż – Protezzjoni tad-difiża u l-kwistjonijiet militari	0.82	0.54	0.14
4.1.a. It-3 inċiż – Protezzjoni ta' relazzjonijiet internazzjonali	10.24	8.17	9.83
4.1.a. Ir-4 inċiż - Protezzjoni tal-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika	2.9	2.09	2.15
4.1.b. Protezzjoni tal-privatezza u l-integrità tal-individwu	5.98	6.99	9.76
4.2. L-1 inċiż - Protezzjoni ta' interessi kummerċjali	14.4	13.99	11.84
4.2 It-2 inċiż - Protezzjoni tal-proċedimenti fil-qrati u pariri legali	6.52	9.81	7.32
4.2 It-3 inċiż - Protezzjoni għall-iskop ta' spezzjonijiet, investigazzjoni u verifiki	26.63	27.61	26.63
4.3 Subparagrafu 1 - Proċess ta' teħid ta'deċiżjonijiet, għadha ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni	13.5	17.80	16.80
4.3. subparagrafu 2- Proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet, deċiżjoni li diġà ttieħdet: opinjonijiet għall-użu intern bħala parti mid-deliberazzjonijiet u l-konsultazzjonijiet preliminari	15.22	7.81	9.62
4.5. Rifjut mill-Istat Membru/it-tielet l-awtur	3.62	3.81	3.94

total	100	100	100

7. TALBIET TA' KONFERMA

	2008	2009	2010
4.1.a. l-1[el] inċiż – Protezzjoni tas-sigurtà pubblika	0.42	2.55	2,67
4.1.a. It-2 inċiż – Protezzjoni tad-difiża u l-kwistjonijiet militari	0.42	0	0
4.1.a. It-3 inċiż – Protezzjoni ta' relazzjonijiet internazzjonali	5.91	4.38	6,67
4.1.a. Ir-4 inċiż - Protezzjoni tal-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika	0.84	3.28	3,33
4.1.b. Protezzjoni tal-privatezza u l-integrità tal-individwu	5.06	14.23	9,33
4.2. L-1 inċiż - Protezzjoni tal-interessi kummerċjali	24.89	17.52	16.67
4.2. It-2 inċiż - Protezzjoni tal-proċedimenti fil-qrati u pariri legali	3.8	5.47	10
4.2. It-3 inċiż - Protezzjoni għall-iskop ta' spezzjonijiet, investigazzjoni u verifiki	27.85	25.91	32
4.3 Subparagrafu 1 - Proċess ta' teħid ta'deċiżjonijiet, għadha ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni	17.3	12.77	11,33
4.3. subparagrafu 2- Proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet, deċiżjoni li diġà ttieħdet: opinjonijiet għall-użu intern bħala parti mid-deliberazzjonijiet u l-konsultazzjonijiet preliminari	12.24	13.87	8
4.5. Rifjut tal-Istat Membru	1.27	-	-
total	100	100	100

ANALIŻI TAT-TALBIET

8. SKONT IL-PROFIL SOĊJALI U PROFESSJONALI TAL-APPLIKANTI (%)

	2008	2009	2010
Akkademiċi	31.03	21.29	23.24
Awtoritajiet pubbliċi (minbarra l-istituzzjonijiet tal-UE)	14.19	7.33	13.56
Avukati	11.01	10.24	10.69
Istituzzjonijiet oħra tal-UE	6.3	3.77	8.32
Is-soċjetà ċivili (gruppi ta' interess, industrija, NGOs eċċ.)	18.26	9.85	8.18
Ġurnalisti	2.46	2.02	3.35
Mhux speċifikati	16.75	45.5	32.68
total	100	100	100

9. SKONT L-ORIĠINI ĠEOGRAFIKA (%)

	2008	2009	2010
Il-Belġju	18.93	18.26	17.95
Il-Ġermanja	16.89	16.61	16.62
Franza	8	8.01	9.05
L-Italja	8.54	7.18	8.85
Ir-Renju Unit	6.34	6.23	7.24
Spanja	5.29	6.27	6.86
L-Olanda	4.83	5.45	4.43
Ir-Repubblika Ċeka	1.26	1.11	4.23
Il-Polonja	2.57	2.86	2.76
L-Iżvezja	1.44	2.13	2.18
L-Awstrija	2.11	1.98	2.08
Il-Lussemburgu	2.61	1.71	1.99
Id-Danimarka	2.45	1.63	2.02
L-Irlanda	1.28	0.72	1.49
Il-Greċja	1.93	1.06	1.22
Il-Portugall	1.5	1.61	1.16
Ir-Rumanija	0.58	0.93	1.11
Il-Finlandja	1.08	0.78	0.81
L-Ungerija	0.86	0.70	0.89
Il-Bulgarija	0.36	0.56	0.69
Is-Slovakkja	0.24	0.50	0.56
Is-Slovenja	0.32	0.39	0.52
Il-Litwanja	0.62	0.35	0.31
Malta	0.2	0.30	0.22
Ċipru	0.22	0.20	0.20
Il-Latvja	0.28	0.06	0.13
L-Estonja	0.1	0.17	0.09
Pajjiżi Ewropej li mhumiex fl-UE	2.12	0.83	0.50
L-Amerika ta' Fuq	1.16	0.37	0.11
L-Awstralja u New Zealand	0.14	0.07	0.09
L-Afrika	0.04	0.20	0.05
L-Amerika t'Isfel	0.06	0.09	0.05
L-Asja	0.46	0.19	0.04
Mhux speċifikati	5.24	10.57	3.49
total	100	100	100

10. SKONT IL-QASAM TA' INTERESS (%)

Direttorat Ġenerali/Servizz	2008	2009	2010
SG - Segretarjat Ġenerali	9.38	10.10	11.64
COMP - Kompetizzjoni	7.18	7.03	9.07
JUST - Ġustizzja + HOME – Affarijiet Interni (li qabel kienu JLS)	6.69	7.74	8.38
MOVE – Mobbiltà u t-Trasport + ENER – Enerġija (li qabel kienu TREN)	8.18	8.02	7.14
MARKT - Suq Intern	7.28	7.27	6.14
ENV - ambjent + CLIMA – Azzjoni Klimatika	6.07	8.37	6.07
SANCO - Saħħa u Protezzjoni tal-Konsumatur	5.74	4.69	5.44
TAXUD - Tassazzjoni u Unjoni Doganali	5.17	6.20	5.30
ENTR - Impriżi	5.91	4.55	4.48
RELEX - Relazzjonijiet esterni	2.39	2.25	3.29
AGRI – Agrikultura	3.6	4.07	3.15
REGIO - Politika reġjonali	3.42	3.67	3.06
Trade - Kummerċ	2.72	2.08	3.06
DEVCO - Żvilupp u kooperazzjoni-Europeaid (li kienu DEV + AIDCO)	3.22	2.75	2.77
EMPL - Impjiegi u affarijiet soċjali	3.72	3.28	2.74
SJ - Servizz Legali	1.75	1.80	2.68
ECFIN - Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji	1.23	1.87	2.32
HR - Riżorsi Umani u Sigurtà (li kien ADMIN) + OIB + OIL - l-Uffiċji għall-Infrastruttura u l-Loġistika fi Brussel u l-Lussemburgu + PMO - Uffiċċju għall-Amministrazzjoni u Ħlas ta' drittijiet individwali	4.54	3.15	2.29
RTD - Riċerka, ĊKR - Ċentru Konġunt tar-Riċerka	1.36	1.74	1.82
INFSO - Soċjetà tal-informazzjoni	2.3	2.29	1.79
ELARG - Tkabbir	1.5	1.74	1.47
BUDG - Baġit	1.07	1.07	1.24
EAC - Edukazzjoni u kultura	1.4	1.44	1.13
COMM - Servizz Komunikazzjoni	0.85	0.41	0.74
MARE - Affarijiet Marittimi u Sajd	1.13	0.79	0.66
DGT - Traduzzjoni	0.32	0.13	0.36
ESTAT - Eurostat	0.22	0.11	0.31
CAB - Kabinetti tal-Kummissarji	0.43	0.30	0.28
ECHO - Uffiċju għall-Għajnuna Umanitarja	0.15	0.24	0.28
OLAF - Uffiċċju Ewropew għall-Ġlieda kontra l-Frodi	0.62	0.24	0.27
OPOĊE - Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet	0.05	0.19	0.19
EPSO - Uffiċċju għar-Reklutaġġ	0.23	0.26	0.14
IAS - Verifika interna	0.07	0.02	0.09
DIGIT – Informatika	0	0.07	0.09
SCIC - Interpretazzjoni	0.02	0.02	0.08
BEPA - Uffiċċju tal-Konsulenti tal-Politika Ewropea	0.07	0.06	0.03
total	100	100	100